IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 30.09.2004
COM(2004)620 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/561/KE ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla**

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

Fl-24 ta' Settembru 1998, il-Kunsill tal-Ministri adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla[1]. Ir-Rakkomandazzjoni tappella lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw jew iwaqqfu sistemi għall-assigurazzjoni tal-kwalità u sabiex jinkoraġġixxu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u awtoritajiet kompetenti biex jikkooperaw u jaqsmu l-esperjenzi ta' bejniethom. Ir-Rakkomandazzjoni titlob ukoll lill-Kummissjoni biex tappoġġja din il-kooperazzjoni u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet tar-Rakkomandazzjoni fuq il-livell Ewropew u ta' l-Istati Membri.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998 kienet l-iżjed il-frott ta' Proġett Pilota Ewropew organizzat mill-Kummissjoni fid-disgħinijiet. Ir-Rakkomandazzjoni ħejjiet is-sisien għall-ħolqien tan-Netwerk ENQA, in-Netwerk Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla u l-għadd dejjem jikber ta' membri tagħha.

Żewġ żviluppi politiċi taw imbottatura ġdida lill-aġenda tal-kwalità: il-Proċess ta' Bologna u l-Istrateġija ta' Liżbona. Riċentement l-importanza ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità ġiet enfasizzata fir-Rapport Interim Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, imressaq f'Marzu ta' l-2004, dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dettaljat dwar is-segwitu ta' l-objettivi tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa[2]. Sistema rigoruża u trasparenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità hija wkoll komponent meħtieġ tal-"Qafas Ewropew tal-Kwalifiki", li l-Ministri impenjaw ruħhom magħhom fil-qafas kemm tal-Proċess ta' Bologna kif ukoll ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.

**Ir-rapport preżenti huwa magħmul minn żewġ partijiet. L-Ewwel Parti: It-Twaqqif ta' Sistemi ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Istati Membri u t-Tieni Parti: Attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali. Ir-Rapport jindirizza wkoll 'il-Mandat ta' Berlin' mogħti lill-ENQA mill-Ministri ta' l-Istati Firmatarji ta' Bologna. Fl-anness tingħata ħarsa ġenerali tal-pajjiżi lejn l-aġenziji.**

## 2. L-Ewwel Parti: Twaqqif ta' sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità fl-istati membri

Taqsira

*Kważi l-Istati Membri u l-pajjiżi Ewropej l-oħra kollha waqqfu sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità jew waslu biex. L-esperjenza tvarja fiż-żmien li tieħu u fl-intensità imma kollha jqisu l-assigurazzjoni tal-kwalità bħala parti essenzjali tas-sistemi ta' edukazzjoni ogħla tagħhom. Is-sistemi fis-seħħ joperaw skond kif kien stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998.*

---

1 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla (98/561/KE) ĠU L 270 tas-07.10.1998, p.56. Ara l-Anness 1

2 "Edukazzjoni u Taħriġ 2010", is-suċċess ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jiddependi minn riformi urġenti. http://europa.eu.int/comm/education/policies/2010/doc/jir_council_final.pdf

## 2.1. Il-ħolqien ta' aġenziji

Ir-Rakkomandazzjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u, fejn hemm bżonn, jistabbilixxu sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità trasparenti. It-tweġiba tal-parti l-kbira ta' l-Istati Membri kienet il-ħolqien ta' aġenzija jew iktar ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità, bl-għan li titjieb il-kwalità permezz ta' valutazzjoni esterna. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tħeġġew iwaqqfu mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità interni tagħhom stess, l-aktar biex jipprovdu bażi għall-valutazzjoni esterna.

Il-karatteristiċi tas-sistema nazzjonali ta' edukazzjoni ogħla jinfluwenzaw il-pussess, l-ambitu u l-punt fokali ta' l-aġenziji u l-attivitajiet tagħhom. Minn hawn l-eżistenza ta' mudelli differenti. Xi ftit pajjiżi għażlu 'mudell ta' kewkba' b'aġenzija ta' akkreditazzjoni ċentrali waħda li tissorvelja serje ta' aġenziji ta' akkreditazzjoni jew ta' valutazzjoni iktar speċifiċi. Oħrajn għandhom aġenzija waħda inkarigata mill-akkreditazzjoni jew l-assikurazzjoni tal-kwalità.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill issostni li "l-awtonomija u/jew l-indipendenza ta' l-istrutturi rilevanti, ta' l-entità responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità (f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri u l-metodi) x'aktarx jikkontribwixxu għall-effettività tal-proċeduri ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-aċċettazzjoni tar-riżultati". Mill-banda l-oħra, huwa fatt ġeneralment magħruf li l-aġenziji għandhom joperaw mill-qrib ma' l-akkademiċi u jagħtu l-kunsiderazzjoni xierqa lill-bżonnijiet tas-soċjetà, l-isponsers pubbliċi u privati, l-istudenti, il-ġenituri u s-suq tax-xogħol.

Barra mill-aġenziji nazzjonali u reġjonali hemm għadd kbir ta' organizzazzjonijiet ta' akkreditazzjoni professjonali (eż. għall-inġiniera, it-tobba, l-*accountants*). Dawn kienu jeżistu ferm qabel ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u l-*modus operandi* mhux influwenzat minnhom. Madankollu, hemm xebh u sinerġiji li ta' min jagħtihom daqqa t'għajn. Dan hu minnu wkoll għall-aġenziji ta' akkreditazzjoni internazzjonali jew entitajiet bħall-EQUIS Ewropew (studji fin-negozju) u l-aġenziji Amerikani AACSB (studji fin-negozju) u ABET (akkreditazzjoni fl-inġinerija fl-Istati Uniti u għajnuna fl-iżvilupp tas-sistemi ta' akkreditazzjoni f'pajjiżi oħra).

## 2.2. Tipi ta' valutazzjoni

It-tipi ta' valutazzjoni jew akkreditazzjoni jistgħu jinqasmu fi tmienja: Valutazzjoni tas-suġġett, valutazzjoni tal-programm, valutazzjoni istituzzjonali, akkreditazzjoni tal-programm, akkreditazzjoni istituzzjonali, verifika istituzzjonali (tal-mekkaniżmi interni ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità), *benchmarking* tas-suġġett u *benchmarking* tal-programm. L-iżjed komuni tibqa' l-valutazzjoni tal-programm, iżda l-akkreditazzjoni tal-programm mhix wisq 'il bogħod u l-verifika istituzzjonali hija t-tielet l-iżjed popolari. Iżjed reċenti huwa l-interess fil-*benchmarking* tal-programm u tas-suġġett, li jfittxu l-aħjar prassi f'qasam partikolari. Hemm tendenza ċara lejn iżjed varjetà fit-tipi ta' valutazzjoni u l-parti l-kbira ta' l-aġenziji jużaw iżjed minn tip ta' valutazzjoni waħda fuq bażi regolari.

## 2.3. Kriterji u metodoloġiji

Il-Kunsill irrakkomanda li s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandhom ikunu bbażati fuq il-fatturi elenkati fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni. Ġeneralment l-

aġenziji jaħdmu skond dawn il-fatturi, għalkemm l-applikazzjoni tagħhom tista' tvarja skond il-kuntest nazzjonali jew istituzzjonali. Analiżi qasira ta' l-implimentazzjoni tagħhom hija kif ġej:

**Kriterji**

Ir-Rakkomandazzjoni torbot il-kriterji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità mal-miri assenjati lil kull istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-bżonnijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol. L-istħarriġ ta' l-ENQA[3] juri biċ-ċar li hemm xaqliba mill-valutazzjoni kontra l-miri stipulati ta' l-istituzzjoni lejn l-użu ta' standards u kriterji esterni għall-eżerċizzji ta' valutazzjoni u akkreditazzjoni iktar objettivi. Dawn jistgħu jkunu standards tal-limitu minimu, standards medji jew standards ogħla li jitolbu iżjed, bl-għan li jirrikonoxxu l-eċċellenza.

**Awtovalutazzjoni mill-istituzzjonijiet**

L-awtovalutazzjoni hija rekwiżit tal-parti l-kbira ta' l-iskemi ta' valutazzjoni u akkreditazjoni. Il-grupp ta' awtovalutazzjoni jkun magħmul fil-parti l-kbira tal-każijiet mill-istaff tat-tmexxija u ta' l-għalliema. L-istudenti rari jieħdu sehem. Il-parteċipazzjoni ta' l-istaff amministrattiv u l-istudenti tvarja.

**Żjarat fuq il-post minn grupp espert**

Iż-żjara fuq il-post huwa element standard tal-proċess tal-valutazzjoni. Iż-żjara tikkonsisti f'laqgħat u intervisti, ħafna drabi f'*tour* tal-faċilitajiet, laqgħa mat-tmexxija anzjana u l-eżami ta' evidenza dokumentarja.

**Kompożizzjoni tal-grupp espert**

L-aġenziji kollha jużaw esperti esterni u ħafna drabi esperti internazzjonali jkunu inklużi fuq il-bord ta' l-esperti, speċjalment fil-każijiet ta' pajjiżi ġirien li jaqsmu l-istess lingwa. Esperti mid-dinja tax-xogħol jintużaw f'inqas minn nofs il-każijiet, u assoċjazzjonijiet professjonisti, studenti u gradwati terġa' jintużaw inqas. L-inklużjoni ta' barranin fil-korpi tat-tmexxija ta' l-aġenziji hija inqas komuni imma qiegħda tiżdied.

**Rappurtaġġ u segwitu**

Fil-parti l-kbira r-rapporti tal-każijiet ta' valutazzjoni jew akkreditazzjoni imma mhux dejjem, jiġu ppubblikati. Hija prattika komuni li tikkonsulta l-istituzzjonijet valutati qabel ma jiġu ppubblikati r-rapporti. Fi tliet kwarti tal-każijiet, l-isituzzjonijiet jinżammu responsabbli għas-segwitu tar-rakkommandazzjoni; f'nofs il-każijiet jaqsmu din ir-responsabilità ma' l-aġenziji u mal-gvern.

---

3 Ara n-nota ta' qiegħ 9

## 3. It-tieni parti: Kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali

*Taqsira:*

*Il-parti l-kbira tal-pajjiżi huma involuti, fi gradi differenti, f'kooperazzjoni bilaterali, multilaterali, Ewropea u globali fl-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkreditazzjoni. Dawn l-inizjattivi tranżnazzjonali għandhom objettivi simili: l-identifikazzjoni ta' kriterji u metodoloġiji komparabbli u t-trawwim tat-tħaddim tajjeb ta' l-aġeziji tal-kwalità sabiex ikun hemm iktar trasparenza u, eventwalment, ir-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u l-evalwazzjonijiet.*

### 3.1. Kooperazzjoni bilaterali u reġjonali

Il-Gvernijiet tal-Belġju (Flanders) u l-Olanda ddeċidew li jintegraw l-attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom f'sistema waħda ta' akkreditazzjoni konġunta. Aġenziji ta' assigurazzjoni tal-kwalità u awtoritajiet ta' l-edukazzjoni ogħla minn 12-il pajjiż[4] iddeċidew li jingħaqdu fl-'Inizjattiva Konġunta tal-Kwalità', netwerk informali li jikkoopera fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità u akkreditazzjoni ta' programmi ta' Baċellerat u ta' Maġisteru fl-Ewropa. 13-il aġenzija minn tmien pajjiżi[5] ddeċidew li jwaqqfu l-Konsorzju Ewropew għall-Akkreditazzjoni ECA, li jiffoka fuq l-aspett ta' l-akkreditazzjoni tal-proċess ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u jimmira lejn ir-rikonixximent reċiproku tad-deċiżjonijiet u s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità rispettivi tagħhom sa l-2007. In-Netwerk ta' l-Aġenziji ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (Netwerk CEE) għandu 18-il aġenzija membru[6] u aġenziji ta' assigurazzjoni tal-kwalità mill-ħames pajjiżi Nordiċi[7] fl-2003 ddeċidew li jifformalizzaw il-kooperazzjoni tagħhom f'Netwerk Nordiku ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla. Ir-raggruppamenti kollha hawn fuq imsemmija jikkonċernaw aġenziji membri tan-Netwerk mifrux ma' l-Ewropa għall-assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla (ENQA).

### 3.2. In-Netwerk Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla (ENQA)

L-ENQA nħolqot bħala riżultat dirett tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998 u tista' għalhekk titqies kemm bħala l-prodott l-iżjed konkret tagħha fil-livell Ewropew u bħala post tat-tluq u attur essenzjali għall-iżviluppi tal-ġejjieni. L-Assemblea Ġenerali ta' l-ENQA ta' Ġunju 2004 ddeċidiet li testendi s-sħubija ma' l-ENQA lill-aġenziji mill-40 Stat Firmatarju ta' Bologna u li tintroduċi r-riformi meħtieġa għall-ENQA biex tlesti l-ħidma futura tagħha li tipprovdi servizzi lill-membri tagħha u li taħdem lejn ir-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità fl-Ewropa.

---

4 L-Awstrija, il-Belġju (Flanders), id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit

5 L-Awstrija, il-Belġju (Flanders), il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Olanda, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvizzera

6 Mill-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblka Ċeka, il-Kroazja, l-Estonja, il-Ġermanja (il-Bavarja), l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Maċedonja, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Russja, is-Slovakkja, is-Slovenja

7 id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvezja

L-ENQA ngħaqdet f'kooperazzjoni mill-qrib man-netwerks ta' valutaturi tal-kredenzjali ENIC u NARIC sabiex tesplora kif tagħrif aħjar dwar il-kwalità jista' jħaffef ir-rikonoxximent tad-diplomi u l-perjodi ta' studji, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni tranżnazzjonali. L-ENQA qed tippjana li tiffaċilita, permezz tal-membri tagħha, il-valutazzjonijiet tranżnazzjonali, speċjalment il-valutazzjoni tranżnazzjonali ta' gradi konġunti u doppji.

### 3.3. Netwerks f'edukazzjoni ogħla

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill issejjaħ għal appoġġ lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jixtiequ jikkooperaw fil-qasam ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità fuq bażi tranżnazzjonali. Ittieħdu bosta inizjattivi għal dan il-għan u inizjattivi oħra iggwadanjaw imbottatura ġdida, grazzi għall-pressjoni tal-pari mir-Rakkomandazzjoni u l-proċess ta' Bologna.

L-Assoċjazzjoni ta' l-Universitajiet Ewropej (EUA) topera Programm ta' Valutazzjoni Istituzzjonali tranżnazzjonali li għandu l-għan li jgħin lill-membri tiegħu jiżguraw li l-istituzzjoni bħala unità tkun responsabbli għall-assigurazzjoni u t-titjib tal-kwalità kontinwi. L-EUA hija impenjata wkoll fil-proġett appoġġjat mill-Kummissjoni 'kultura ta' Kwalità' li fih gruppi ta' universitajiet jgħinu 'l xulxin biex jintroduċu mekkaniżmi interni ta' assigurazzjoni tal-kwalità, itejbu l-livelli tal-kwalità tagħhom u jħejju ruħhom aħjar għall-valutazzjonijiet esterni.

Fuq livell globali, in-Netwerk Internazzjonali għall-Aġenziji ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla INQAAHE qiegħed jaħdem fuq Gwida għal Prassi Tajba għall-aġenziji u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Presidenti ta' l-Universitajiet IAUP qed tikkunsidra l-vijabilità ta' 'Reġistru tal-Kwalità Dinji' għall-aġenziji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità.

### 3.4. Il-Kunsill ta' l-Ewropa

Skond il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa/UNESCO dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki li jirrigwardaw l-Edukazzjoni Ogħla fir-Reġjun ta' l-Ewropa[8], kull pajjiż għandu jirrikonoxxi l-kwalifiki bħala simili għall-kwalifiki korrispondenti fis-sistema tiegħu, sakemm ma jkunx hemm differenzi sostanzjali bejn il-kwalifiki tiegħu u l-kwalifiki li qed jippruvaw jiġu rikonoxxuti. Fost dawn id-differenzi sostanzjali jista' jkun hemm il-kwalità tat-tagħlim. Għalhekk l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib riċenti bejn l-esperti fl-assigurazzjoni tal-kwalità (in-netwerk ENQA) u l-esperti fil-valutazzjoni tal-kredenzjali (in-netwerk NARIC ta' l-UE u n-netwerk imsieħeb ENIC tal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO-CEPES).

### 3.5. L-OECD u l-UNESCO

L-OECD u l-UNESCO jikkooperaw fuq l-iżvilupp ta' linji ta' gwida li ma jorbtux dwar il-ħarsien tal-konsumatur fl-edukazzjoni ogħla bejn il-pajjiżi, b'enfasi qawwi fuq l-assigurazzjoni tal-kwallità. L-UNESCO waqqfet Forum Globali dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità, l-Akkreditazzjoni u r-Rikonoxximent, li jibni fuq in-netwerks reġjonali eżistenti u l-konvenzjonijiet għar-rikonoxximent tad-diplomi. Fl-

8 http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/QueVoulezVous.asp?NT=165&CM=8&DF=10/02/04&CL=ENG

Ewropa, l-UNESCO-CEPES qed twettaq proġett li jiġbor indikaturi għall-edukazzjoni ogħla li jistgħu jkunu utli għall-eżerċizzji tal-valutazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

## 4. Il-Mandat ta' Berlin

Fid-19 ta' Settembru 2003, il-Ministri ta' l-Edukazzjoni Ogħla ta' 40 Stat Firmatarju ta' Bologna nġabru f'Berlin u adottaw Komunikazzjoni li fiha appellaw lill-ENQA "permezz tal-membri tiegħu, u b'kollaborazzjoni ma' l-EUA, l-EURASHE u l-ESIB, sabiex jiġi żviluppat sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida maqbula dwar l-assigurazzjonijiet tal-kwalità sabiex jiġu esplorati modi kif tiġi żgurata sistema ta' reviżjoni tal-pari adegwata għall-aġenziji jew korpi ta' l-assigurazzjonijiet tal-kwalità u/jew akkreditazzjoni, u jiġi rrapurtat lura permezz tal-Grupp tas-Segwitu lill-Ministri fl-2005."

Żewġ Gruppi ta' Ħidma organizzati mill-ENQA eżaminaw l-elementi differenti tal-Mandat. Grupp ta' Ħidma dwar l-istandards, il-proċeduri u l-linji ta' gwida u Grupp ta' Ħidma dwar it-twaqqif ta' sistema ta' reviżjoni tal-pari adegwata. L-esperti jieħdu minn fuq studji eżistenti u esperjenzi ta' l-ENQA u l-membri tiegħu, organizzati f'netwerks reġjonali (L-Ewropa ta' Fuq u tal-Lvant) jew netwerks speċjalizzati (Konsorzja Ewropej għall-Akkreditazzjoni). Huma jeżaminaw il-Valutazzjonijiet Istituzzjonali ta' l-EUA, l-approċċ ibbażat fuq il-kompetenza tal-Proġett ta' l-Armonizzazzjoni[9] kif ukoll il-ħidma ta' aġenziji ta' akkreditazzjoni professjonali b'suġġett speċifiku. Se jitqiesu wkoll l-esperjenzi f'partijiet oħra tad-dinja, speċjalment fl-Istati Uniti.

L-ENQA jirrapporta permezz tal-Grupp ta' Segwitu ta' Bologna u se jippreżenta Rapport qabel ir-rapport finali sal-bidu ta' l-2005 qabel il-laqgħa Ministerjali f'Bergen f'Mejju 2005.

## 5. Konklużjoni

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998 kienet ta' suċċess notevoli peress li l-parti l-kbira tal-pajjiżi fil-fatt waqqfu sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità u l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kwalità kienet intensa. Il-ħidma għal assigurazzjoni tal-kwalità ovvjament irċiviet imbottatura iżjed mill-pożizzjoni ċentrali mogħtija lill-kwistjonijiet tal-kwalità fil-Proċess ta' Bologna u l-Istrateġija ta' Liżbona u ġiet rikonoxxuta bħala komponent essenzjali tal-"Qafas Ewropew tal-Kwalifiki" li qiegħed jemerġi.

Saru sforzi importanti fil-livelli bilaterali u reġjonali biex tinħoloq atmosfera ta' kunfidenza li tiffaċilita r-rikonixximent reċiproku ta' l-evalwazzjonijiet u s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Il-Mandat mogħti lill-ENQA f'Berlin jista' jkollu effetti ugwalment pożittivi fuq skala Ewropea usa'.

Wasal il-mument li jittieħdu l-passi deċisivi biex jintlaħaq rikonoxximent reċiproku ġenwin ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-evalwazzjonijiet u s-sistemi ta' akkreditazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità titħalla tagħti sehemha b'mod effettiv

[9] L-Università ta' Deusto, Bilbao, Spanja (**www.relint.deusto.es/TuningProject/index.htm**) jew l-Università ta' Groningen, L-Olanda (www.let.rug.nl/TuningProject/index.htm)

lill-objettiv komuni tagħna li twassal biex l-edukazzjoni ogħla Ewropea ssir "referenza tal-kwalità dinjija". Progress jista' jsir u għandu jsir f'dan il-qasam importanti.

Annessi

1. Komunikazzjoni ta' Berlin, estratt dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità

2. Aġenziji ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità Eżistenti skond il-pajjiż

**Anness 1**

## "It-Twettiq taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla"

## Komunikazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri responsabbli mill-Edukazzjoni Ogħla f'Berlin fid-19 ta' Settembru 2003

## =Estratt dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità=

"Il-kwalità ta' edukazzjoni ogħla nstabet li kienet fiċ-ċentru tat-twaqqif ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla. Il-Ministri impenjaw ruħhom li jappoġġjaw żvilupp ulterjuri ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell istituzzjonali, nazzjonali u Ewropew. Huma jenfasizzaw il-bżonn li jiġu żviluppati l-kriterji u l-metodoloġiji komuni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità.

Jenfasizzaw ukoll li b'konsistenza mal-prinċipju ta' l-awtonomija istituzzjonali, ir-responsabilità ewlenija għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla taqa' fuq l-istituzzjoni nnifisha u din tipprovdi l-bażi għall-kontabilità reali tas-sistema akkademika fi ħdan il-qafas nazzjonali tal-kwalità.

Għalhekk, jaqblu li sa l-2005 s-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandhom jinkludu:

– Definizzjoni tar-responsabilitajiet ta' l-entitajiet u l-istituzzjonijiet involuti.

– Valutazzjoni tal-programmi jew l-istituzzjonijiet, inklużi evalwazzjonijiet interni, reviżjonijiet esterni, parteċipazzjoni mill-istudenti u l-pubblikazzjoni tar-riżultati.

– Sistema ta' akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni jew proċeduri komparabbli.

– Parteċipazzjoni, kooperazzjoni u netwerking internazzjonali.

Fil-livell Ewropew, il-Ministri jappellaw lill-ENQA permezz tal-membri tiegħu, u b'kollaborazzjoni ma' l-EUA, l-EURASHE u l-ESIB, sabiex jiġi żviluppat sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida maqbula dwar l-assigurazzjonijiet tal-kwalità sabiex jiġu esplorati modi kif tiġi żgurata reviżjoni adegwata ta' l-aġenziji jew korpi li jagħmlu assigurazzjonijiet tal-kwalità u/jew akkreditazzjoni, u jiġi rrapurtat lura permezz tal-Grupp tas-Segwitu lill-Ministri fl-2005."

**Anness 2**

**Aġenziji ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla skond il-Pajjiż**

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Albania | Accreditation Agency of Higher Education, Accreditation Council | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Austria | Fachhochschulrat – **www.fhr.ac.at** | National, non-university sector | Institutional and programme evaluation, programme accreditation |
| Austria | Österreichischer Akkreditierungsrat – **www.akkreditierungsrat.at** | National, private universities | Institutional accreditation, programme accreditation |
| Belgium (Flanders) | Flemish Inter-university Council – **www.vlir.be** | Regional, university sector | Programme evaluation |
| Belgium (Flanders) | Council of Flemish Institutes for Higher Education – **www.vlhora.be** | Regional, non-university sector | Programme evaluation |
| Belgium | Conseil des Recteurs (CRef) | University sector | Programme evaluation |
| Bulgaria | National Evaluation and Accreditation Agency at the Council of Ministers – **http://www.neaa.government.bg** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Croatia | National Council for Higher Education | National, university and non-university sectors | Programme evaluation in function of accreditation by ministry |
| Cyprus | Council of Educational Evaluation - **sekap@cytanet.com.cy** | National, non-university sector | Programme evaluation, programme accreditation |
| Czech Republic | Accreditation Commission – **www.msmt.cz/ DOMEK/ default.asp?CAI=2856** | National, university and non-university sectors | Programme accreditation |

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Denmark | Danish Evaluation Institute – **www.eva.dk** | National, university and non-university sectors | Programme evaluation and accreditation, institutional evaluation |
| Estonia | Estonian Higher Education Accreditation Centre – **www.ekak.archimedes.ee** | National, university and non-university sectors | Programme accreditation |
| Finland | Finnish Higher Education Evaluation Council – **www.finheec.fi** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation |
| France | Comité National d'Évaluation – **www.cne-evaluation.fr** | National, university sector | Institutional evaluation |
| France | Inspection générale de l'administration de l'éducation nationale et de la recherche (IGAENR) – **www.education.gouv.fr** | National, university and non-university | Institutional evaluation |
| Germany | Akkreditierungsrat – **www.akkreditierungsrat.de** | National, university and non-university sectors | Meta-accreditation |
| Germany | Zentrale Evaluations- und Akkreditierungsagentur (ZevA) – **www.zeva.uni-hannover.de** | Regional, university and non-university sectors | Programme accreditation |
| Germany | Akkreditierungs-, Zertifizierungs- und Qualitätssicherungs-Institut (ACQUIN) - **www.acquin.org** | Regional, university and non-university sectors | Programme accreditation |
| Germany | Agentur für Qualitätssicherung durch Akkreditierung von Studiengängen (AQAS) – **www.aqas.de** | Regional, university and non-university sectors | Programme accreditation |

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Germany | Akkreditierungsagentur für Studiengänge der Ingenieurwissenschaften, der Informatik, der Naturwissenschaften und der Mathematik (ASIIN) – **www.asiin.de** | Regional, university and non-university sectors, subject-specific | Programme accreditation |
| Germany | Akkreditierungsagentur für Studiengänge im Bereich Heilpädagogik, Pflege, Gesundheit und Soziale Arbeit (AHPGS) – **www.ahpgs.de** | Regional, university and non-university sectors, subject-specific | Programme accreditation |
| Germany | Stiftung Evaluationsagentur Baden-Württemberg (EVALAG) – **www.evalag.de** | Regional, university and non-university sectors | Programme evaluation |
| Germany | Foundation for International Business Administration Accreditation – **www.fibaa.de** | Regional, university and non-university sectors, subject-specific | Programme accreditation |
| Hungary | Hungarian Accreditation Committee (HAC) – **www.mab.hu** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional accreditation |
| Iceland | Division of Evaluation and Supervision – **http://mrn.stjr.is** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation |
| Ireland | Higher Education and Training Awards Council (HETAC) **www.hetac.ie** | National, non-university sector | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Ireland | Higher Education Authority – **www.hea.ie** | National, university sector | Institutional evaluation, meta-evaluation |

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Ireland | National Qualification Authority of Ireland – **www.nqai.ie** | National, non-university sector | Institutional evaluation |
| Italy | National Committee for the Evaluation of the University System – **www.vsu.it** | National, university sector | Programme and institutional evaluation, institutional accreditation |
| Latvia | Higher Education Quality Evaluation Centre - **www.aiknc.lv** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Lithuania | Lithuanian Centre for Quality Assessment in Higher Education – **www.skvc.lt** | National, university and non-university sectors | Programme evaluation and accreditation |
| Macedonia | Ministry of Education and Science, Accreditation Board | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Netherlands | Inspectorate of Higher Education – **www.owinsp.nl** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation, meta-evaluation |
| Netherlands | Netherlands Quality Agency – **www.hbo-raad.nl** | National, non-university sector | Programme evaluation |
| Netherlands | Netherlands Accreditation Organisation – **www.nao-ho.nl** | National, university and non-university sectors | Programme accreditation |
| Netherlands | Quality Assurance Netherlands Universities (QANU) – **www.qanu.nl** | National, university sector | Programme evaluation |

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Norway | Norwegian Agency for Quality Assurance in Education (NOKUT) – **www.nokut.no** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Poland | National General Accreditation Commission – **www.men.waw.pl** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional accreditation |
| Poland | University Accreditation Commission – **http://main.amu.edu.pl/~ects/uka/uka.html** | National, university sector | Programme accreditation |
| Poland | Association of Management Education Forum – **www.semforum.org.pl** | National, private university and non-university sectors, subject-specific | Programme evaluation and accreditation |
| Portugal | National Council for Evaluation of Higher Education (CNAVES) – **www.cnaves.pt** | National, university and non-university sectors | Institutional evaluation |
| Romania | National Council for Academic Assessment and Accreditation – **www.cneaa.ro** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional accreditation |
| Slovakia | Accreditation Commission – **www.akredkom.sk** | National, university and non-university sectors | Programme and institutional accreditation |
| Slovenia | Council for Higher Education | National, university and non-university sectors | Institutional accreditation |
| Slovenia | Higher Education Quality Assessment Commission (HEQAC) | National, university and non-university sectors | Programme and institutional evaluation |

| Country | Agency | Scope | Main evaluation type |
|---|---|---|---|
| Spain | National Agency for Quality Assessment and Accreditation (ANECA) – **www.aneca.es** | National, university sector | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Spain | Agency for Quality Assurance in the Catalan University System – **www.agenqua.org** | Regional, university sector | Programme and institutional evaluation |
| Sweden | National Agency for Higher Education – **www.hsv.se** | National, university sector | Programme and institutional evaluation and accreditation |
| Switzerland | Centre for Accreditation and Quality Assurance of the Swiss Universities (OAQ) – **www.oaq.ch** | National, university sector | Programme and institutional accreditation |
| United Kingdom | Quality Assurance Agency for Higher Education (QAA) – **www.qaa.ac.uk** | National, university and non university sectors | Programme and institutional evaluation |
| | European University Association (EUA) – **www.eua.be/eua/** | University sector | Institutional evaluation |